**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Gunju, 2018**

**Talba Nru: 89/2017PM1**

**Carmelo Portelli (K.I. 464185(M))**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u Raymond Calleja (K.I. 752358(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Frar, 2017 illi l-Awtorita` u l-intimat ghandhom jigu kkundannati solidalment ihallsu l-ammont ta' elfejn u tlett mitt euro (€2300) lill-attur rapprezentanti danni li huwa sofra fil-vettura proprjeta` tieghu tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni DBL824 li fit-22 ta' April, 2015 waqt li kienet qed tinstaq mill-attur stess fi Triq iz-Zejtun, Birzebbuga fid-direzzjoni ta' Birzebbuga u meta f'dakinhar kienu qeghdin isiru xogholijiet infrastrutturali fit-triq imsemmija da parti tal-intimat Raymond Calleja fuq struzzjonijiet tal-Awtorita` intimata, u minhabba nuqqas serju ta' dawl, ta' sinjali tat-traffiku u minhabba ammont kbir ta'

materjal li thalla fin-nofs tat-triq, l-esponenti tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, laqat central strip u spicca fil-hamrija fil-genb tat-triq; bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2352/16 u bl-imghax legali mid-data tal-istess ittra kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra l-kopja tal-ittra ufficjali numru 2352/16 annessa mal-istess avviz (fol. 2 tal-process).

Ra r-risposta tal-Awtorita` intimata li permezz taghha eccepiet illi preliminarjament, l-Awtorita` intimata m'hijiex il-legittima kontradittrici stante li l-Awtorita` ma hijiex responsabbli ghax-xogholijiet li kienu ghaddejin inkluz senjalagg fuq is-sit meta sehh l-allegat incident;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegat incident sehh rizultat ta' negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolament tat-traffiku da parti tal-attur;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita` intimata tirrispingi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet migjuba kontra taghha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq l-attur li jaghmel prova tad-danni allegati u konsegwentement, id-danni reklamati qed igi kkontestati.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut Raymond Calleja gie debitament notifikat bl-Avviz (fol. 10 tal-process), ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi.

Sema' x-xhieda ta' Mark Zammit moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju, 2017 (fol. 12 et. seq. tal-process) u ra d-dokument ezebit minnu (Dok. MZ1 a fol. 15 et. seq. tal-process).

Ra n-nota bl-affidavit ta' Carmelo Portelli (fol. 26 et. seq. tal-process).

Sema’ x-xhieda ta’ PC441 Matthew Darmanin u ta’ Nicholas Baldacchino moghtija fis-seduta tat-23 ta’ Mejju, 2017 (32 et. seq tal-process).

Ra r-rapport tal-Pulizija Ezekuttiva (Dok. MD1 ezebit a fol. 37 tal-process).

Sema’ x-xhieda ta’ Nicholas Baldacchino moghtija fis-seduta tal-20 ta’ Gunju, 2017 (fol. 41 et. seq. tal-process) u ra d-dokumentazzjoni ezebita mill-istess xhud.

Sema’ x-xhieda ta’ Connie Attard moghtija fis-seduta tat-3 ta’ Lulju, 2017 (fol. 63 et. seq. tal-process) u ra s-CD minnha ezebit (fol. 62 tal-process).

Sema’ x-xhieda tal-Perit Julian Borg u l-kontro-ezami tal-attur fis-seduta tal-31 t’Ottubru, 2017 (fol. 67 et. seq. tal-process).

Sema’ x-xhieda tal-Perit Charlene Sammut moghtija fis-seduta tat-30 ta’ Novembru 2017 (fol. 73 et. seq. tal-process).

Sema’ x-xhieda ta’ Connie Attard, PC441 Matthew Darmanin u PS583 Ivan Grech moghtija waqt is-seduta tal-24 ta’ Jannar, 2018 (fol. 78 tal-process).

Sema’ x-xhieda ta’ Nicholas Baldacchino moghtija fis-seduta tas-26 t’April, 2018 u ra d-dokumenti ezebiti minnu (fol. 87 et. seq tal-process).

Sema’ t-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-attur u tal-Awtorita` intimata.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi jirrizulta ampjament car illi l-mertu tal-kawza odjerna jikkoncerna proprju r-responsabilita` ghall-hsara evidentement sofferta mill-attur fil-vettura tieghu meta, waqt li huwa kien qieghed isuq il-vettura tieghu bin-numru ta’ registrazzjoni DBL824 fi Triq iz-

Zejtun, Birzebbugia, kien involut f'incident allegatament minhabba l-kundizzjoni li fiha kienet tinsab it-triq in vista ta' xogholijiet li kienu qed isiru fiha.

Illi fir-rigward tad-dinamika tal-incident, l-istess attur xehed permezz tal-affidavit tieghu li "*f'salt wiehed, il-wicc tat-triq kien kollu zrar u ma kien hemm ebda sinjali jew tabelli li juri li kienu qed isiru x-xogholijiet. Malli bbrakjajt il-karozza quddiemi* (sic) *kien hemm dahna bajda ta' trabijiet. Jien mill-ewwel ghafast il-break tieghi wkoll, izda minhabba z-zrar il-brakes ma zammewx, l-karozza ma waqfitx u spiccajt hbat f'central strip, tlift il-kuntroll tal-vettura u dhalt go ghalqa fil-genb tat-triq*". (fol. 27 tal-process)

Illi f'dan ir-rigward u mill-aspett prettament legali, in materja ta' skid jinsab deciz is-segwenti:

> *Hu assodat fil-gurisprudenza taghna illi* ***skid huwa fattur newtrali u la jfisser htija u lanqas in-nuqqas tieghu****. Gie ritenut ukoll illi "skid wehidha mhijiex la prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Trid issir indagini jekk kienx hemm negligenza anticedenti jew kon-komitanti. Jekk din tirrizulta, allura hemm responsabbilita' non ostante l-iskid, jekk le l-iskid ikun imputabbli ghal inevitable accident".*
>
> *Biex tirnexxi d-difiza ta' skid, jehtieg li l-imputat jipprova mhux biss l-iskid dovuta ghall-art tizloq, imma wkoll li l-iskidd saret bla ebda negligenza tieghu u li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu sewwieq prudenti meta l-art tkun tizloq.* ***Meta sewwieq jipprova mhux biss il-fatt ta' skid bhala tali imma jipprova wkoll li l-skid saret bla ebda htija tieghu izda accidentalment b'mod li l-vettura bla htija tieghu u accidentalment saret inkontrollabbli, allura hija eskluza n-negligenza li taghti lok ghar-responsabbilta' kriminali****.* (**Josef Farrugia v. Thomas Tanti** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Lulju, 2004 – enfazi mizjuda).

Illi fil-kaz in ezami, it-Tribunal isib illi l-attur gheleb l-oneru tal-prova imqieghed fuqu f’dan ir-rigward u dana billi jinsab ampjament pruvat, anke tramite provi oggettivi, illi fiz-zona li fiha sehh l-incident kien hemm problema pjuttost serja kawzata minn zrar u trab li kien qed jaffetwa negattivament il-vizibilita` tas-sewwieqa li kienu qeghdin jaghmlu uzu mill-istess parti tat-triq li suppost kienet karregjabbli minkejja x-xogholijiet li kienu qeghdin isiru fiha. Mill-verzjoni moghtija mill-istess attur u mhux kontraddetta irrizulta li l-attur tilef il-kontroll tal-vettura tieghu kemm minhabba tali nuqqas ta’ vizwali u wkoll ghaliex hasad il-vettura tieghu billi bbrejkja minnufih hekk kif ra l-vettura ta’ quddiemu taghmel l-istess proprju in vista tat-trab li kien qed jghatti parti sew mit-triq karregjabbli u li kwindi kien qed johloq emergenza subitanja ghall-istess sewwieqa. Ma tressqet ebda prova li kien hemm xi nuqqas fis-sewqan da parti tal-attur li wassal jew b’xi mod seta’ kkontribwixxa ghall-incident. In vista ta’ dan ukoll it-Tribunal ser jichad it-tieni eccezzjoni mressqa mill-Awtorita` intimata.

Illi fir-rigward tal-quantum mitlub, issir referenza ghas-*survey report* konfermat mis-*surveyor* Mark Zammit minn fejn jirrizulta li ghalkemm il-vettura tal-attur kellha *pre-accident market value* ta’ elfejn u tlett mitt euro (€2300), kellha wkoll *wreck value* ta’ hames mitt euro (€500) b’tali mod li l-istess *surveyor* issugerixxa hlas ghas-saldu ta’ elf u tmin mitt euro (€1800). It-Tribunal ghaldaqstant isib li l-quantum mitlub jista’ talvolta jkun gustifikat proprju sal-massimu ta’ din il-figura jekk wiehed jikkunsidra l-valur tat-tifrik kif determinat mill-istess surveyor tal-attur.

Illi jifdal ghalhekk li jigi determinat jekk l-intimati jew min minnhom jistghux jigu ritenuti responsabbli ghall-hsara surreferita in vista tal-kundizzjoni tat-triq fil-waqt illi fih sehh l-incident. F’dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza b’mod partikulari ghax-xhieda ta’ PCC441 Matthew Darmanin li ghalkemm jammetti li “*bhala dawl kien hemm id-dawl tat-triq normali kif ukoll cones tabelli jindikaw li kienu qeghdin isiru x-xogholijiet fit-triq*”, jishaq ukoll li “*madanakollu jien indunajt is-senjalazzjoni li smmejt kienet vicin hafna ta’ fejn sehh l-incident*” u “*kull darba li kienet qeghda tghaddi vettura din kienet tigi kkawzata dahna shiha fit-triq u dan minhabba z-zrar peress illi kienu*

*qeghdin isiru x-xogholijiet kif ghidt*". Hekk ukoll, prodott in kontro-ezami rega' kkonferma li: "*Kienet qed tigi kreata ma' kull vettura li tghaddi dahna kbira li kienet qeghda tnaqqas konsiderevolment il-vizibilita` ghal vetturi li kienu qed jghaddu minn hemmhekk. (...) dawl minn dak li jteptep u li jaghti pre-avviz sufficjenti lil min ikun qed isuq f'dik it-triq li jkun qed jersaq lejn zona fejn fiha qed isiru x-xogholijiet, dawn ma kienx hemm fid-data tal-incident. Dawn it-tip ta' dawl kienu effettivament ezatt fejn isir ix-xoghol pero` ahna xtaqna li dawn ikunu aktar 'il fuq ukoll sabiex jaghtu pre-avviz lis-sewwieqa. (...) Sakemm jien kont fuq is-sit innutajt li kien hemm vetturi ohrajn li kienu qed isibu diffikulta` biex isuqu f'dik iz-zona partikolari ta' triq in vista tax-xogholijiet li kienu qed isiru u kien dan li wassalna sabiex naghmlu s-suggerimenti taghna lil Perit sabiex taghmel id-dawl li semmejt*" F'dan ir-rigward ir-rapport redatt 'a tempo vergine' mill-Pulizija Ezekuttiva, apparti li jinkludi l-verzjoni tal-attur li hija identika ghal dik surreferita, jipprovdi wkoll li:

> "*Sakemm il-pulizija kienet fuq il-post gie nutat li diversi xufiera ohra bdew isibu l-istess diffikulta` ghaldaqstant giet infurmata l-perit tal-ghassa, Transport Malta certa Charlene Bonici fejn min-naha taghha infurmat lill-kuntrattur tax-xogholijiet certu Raymond Calleja u talbitu sabiex jipprovdi aktar dawl adekwat kif ukoll sinjali tat-traffiku sabiex jigu evitati aktar incidenti.*" (fol. 39 tal-process)

Ghat-Tribunal dan huwa fih innfisu sufficjenti sabiex jindika li certament kien hemm nuqqasijiet fil-mod illi bih l-utenti tat-triq kienu qed jigu infurmati bix-xogholijiet li kienu qed isiru fiz-zona, senjatament fir-rigward tas-senjaletika relattiva li kellha tigi posizzjonata b'tali mod li sservi l-iskop taghha u, aktar minn hekk, mill-fatt illi t-triq thalliet mahmuga u mimlija trab u zrar b'tali mod li, ma' kull vettura li kienet tghaddi, kienet qed tigi krejata dahna kbira ta' trab li kien qed jimpedixxi vizwali korretta lill-utenti tat-triq filwaqt li jirrendi t-triq tizloq ghal min ikun qed juzaha.

Illi fir-rigward tal-kwistjoni ta' responsabilita` t-Tribunal jinnota illi l-Awtorita` intimata eccepiet li l-Awtorita` "*m'hijiex il-legittima kontradittrici stante li l-Awtorita` ma hijiex responsabbli ghax-xogholijiet li kienu ghaddejjin inkluz senjalagg fuq is-sit meta sehh l-allegat incident*" filwaqt li l-intimat Raymond Calleja baqa' ma ressaq ebda risposta ghat-talbiet attrici u lanqas ma attenda ghas-seduti mizmuma.

Illi t-Tribunal fela bir-reqqa d-dokumentazzjoni ezebita mir-rapprezentant tal-Awtorita` intimata. Jibqa' sabiex jinghad illi permezz tal-kuntratt t'appalt datat 24 ta' Jannar, 2014 jirrizulta car li l-intimat Calleja kien gie imqabbad iwettaq xogholijiet fit-triq mertu tal-kawza odjerna u dana skont it-termini u l-kundizzjonijiet hemmhekk elenkati fosthom illi:

(i) x-xogholijiet jigu terminati sa mhux iktar tard mill-21 ta' Frar, 2014 (meta l-incident *de quo* sehh fit-22 t'April, 2015)

(ii) l-kuntrattur intrabat illi jipprovdi "Performance Programme" relattiv ghal Traffic Management u Quality Assurance fost ohrajn

(iii) l-kuntrattur "*shall indemnify and save harmless the Contracting Authority, the Entities on whose behalf any works are being carried out, and officers and employees of the Authority* (…) *from any and all claims, liabilities, costs, expenses, actions or proceedings they may face or suffer at any time including without limitation, claims for personal injury or damage to property arising from the performance of Work* (…)"

Illi t-Tribunal jinnota wkoll li, in materja prettament legali, jinsab deciz li:

> "*Kif affermat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza taghha tal-21 ta` Mejju 2010 fil-kawza "Korporazzjoni Enemalta vs V & C Contractors Limited".* ***<u>M'hemmx dubbju li hu dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentement x'jikkonsilja jew ma jikkonsiljax l-Awtorita'. Intqal kemm-il darba li l-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi</u>***

***minn dik l-ezukuzzjoni hazina***. *Dan hu hekk avojla jkun hemm l-approvazzjoni ta' xoghol jew l-appaltatur ikun mexa' skond l-ispecifikazzjonijiet jew istruzzjonijiet, anke espressi, moghtija mill-kommittent. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lil min qabbdu opra sodisfacenti u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax il-kommittent ma oggezzjonax ghal mod kif kien qed isir ix-xoghol. Issa f'dan il-kaz jirrizulta li l-Periti tal-Awtorita' u cioe' l-Perit Antoinette Conti kienet tmur fuq is-sit fi kliemha stess kwazi kuljum u meta rat li t-triq kellha l-wicc mikxuf ma tat l-ebda ordni sabiex jiehdu xi prekawzjoni u jevitaw id-danni li effettivament irrizultaw u ghalhekk l-Awtorita' ghandha wkoll tinzamm responsabbli flimkien mal-kuntrattur. Il-Qorti tqis li fic-cirostanzi l-konvenuti huma it-tnejn responsabbli ghal dak li gara' u cioe' ghad-danni sofferti mill-atturi pero' fi kwoti differenti. Issostni li l-intimat Schembri Infrastructures ghandha tinzamm responsabbli ghal tlett kwarti tad-danni sofferti filwaqt li* ***l-Awtorita' ghandha tinzamm responsabbli ghar-rimanenti kwart stante li hija naqset ukoll meta ma ipprovditx x'mizuri ghandhom jittiehdu sabiex jigu evitati danni ulterjuri fix-xoghol li kellu jsir. L-Awtorita' ma hadet l-ebda prekawzjoni ghal dak li kellu jsir*** *u kienet negligenti li halliet it-triq tinfetah fix-xahar ta' Ottubru bla ma hadet ilqugh ghal proprjeta' ta' terzi.*" (**Atlas Insurance PCC Limited et. noe. v. Awtorita` ghat-Trasport f'Malta et.** deciza fil-5 ta' Gunju, 2014 mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) – enfazi mizjuda)

Illi issa fil-kaz in ezami jirrizulta illi, fil-konfront tal-Awtorita` intimata, l-intimat Calleja in kwantu kuntrattur kien qieghed jehles lill-Awtorita` minn kwalunkwe responsabilita` naxxenti mill-appalt moghti lilu u dana skont il-kuntratt t'appalt hawn fuq citat. Madanakollu t-Tribunal isib li dan fih innifsu ma jservix sabiex jeskludi kwalunkwe responsabilita` legali tal-Awtorita` intimata fir-rigward tax-xogholijiet imwettqin fuq

struzzjonijiet taghha stess fil-konfront ta' terzi. Huwa minnu illi d-dokumentazzjoni estensiva prezentata mir-rapprezentant tal-Awtorita` intimata hija univoka filli tipprova turi li l-Awtorita` adempiet mal-obbligi legali taghha skont il-ligi proprju in vista tal-prekawzjonijiet legali li hija rat illi timponi fuq il-kuntrattur taghha. Madanakollu t-Tribunal isib illi lanqas dan m'huwa fih innfisu sufficjenti sabiex jehles, almenu fil-konfront ta' terzi danneggjati, lill-Awtorita` mir-responsabilita` legali taghha. F'dan ir-rigward il-ligi tipprovdi espressament li "*l-Awtorita` ghandha taghmel dak kollu li tista' biex tizgura l-oghla livell ta' kwalita` u sigurezza fil-kostruzzjoni, kostruzzjoni mill-gdid, manutenzjoni jew xogholijiet ohra f'toroq* (…)" (Regolament 3(2) f'Taqsima II tar-**Regolamenti dwar Toroq Godda u Xogholijiet f'Toroq L.S.499.57** Dok NBX). Kwindi r-rwol tal-Awtorita` necessarjament imur oltre minn dak illi semplicement timponi prekawzjonijiet u/jew kundizzjonijiet ta' sigurta` fuq il-kuntratturi taghha. Tibqa' fi kwalunkwe kaz responsabbli sabiex tara illi tali prekawzjonijiet u/ jew kundizzjonijiet ikunu sufficjenti sabiex jigu evitati incidenti fit-triq u kif ukoll li jigi effettivament attwati bl-ahjar mod possibbli u skont l-arti u s-sengha mill-kuntratturi imqabbdin minnha u dana **<u>fl-ambitu tal-obbligu taghha li taghmel dak kollu li tista' biex tizgura l-ghola livell ta' kwalita` u sigurezza fix-xogholijiet</u>**.

Illi f'dan ir-rigward ix-xhieda prodotta mill-Awtorita` intimata bl-ebda mod ma pruvat illi s-sitwazzjoni fit-triq **<u>dak il-hin li fih sehh l-incident</u>** kienet konformi ma' dak rikjest minnha stess skont il-kuntratt surreferit. F'dan ir-rigward ix-xhud Nicholas Baldacchino jghid li "*minn informazzjoni li ghandi din it-traffic management scheme kient giet segwita fis-sens li kienet saret is-senjaletika kollha mehtiega, il-problema nqalghet meta xi ftit sieghat qabel ma sehh l-incident jidher li thalla xi hmieg fit-triq.* (…) *F'dan il-kaz partikolari ghandi nifhem li kien hemm ukoll dawn il-Field Officers li kienu qed iwettqu dawn ir-random checks* ***<u>madanakollu fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li jiena miniex fil-pussess ta' xi rapport li setghu ghamlu dawn il-Field Officers</u>***." filwaqt li x-xhud Perit Charlene Sammut tikkonferma wkoll li "*jiena qatt ma kelli l-okkazzjoni li mmur fuq il-post la qabel u kif ukoll wara l-incident.* (…) *Naf li l-kuntrattur kien infurmana li ha*

*hsieb mill-aspett ta' traffic management pero` jiena ma mortx fuq il-post*" (fol. 74 tal-process). Aktar minn hekk ix-xhieda tal-PC 441 Matthew Darmanin fis-sens illi: "*konna informajna lill-Protezzjoni Civili sabiex jigu jikinsu mal-ewwel kemm jista' jkun miz-zrar li kien hemm fit-triq* (…) *aktar tard kienu mxew skont l-istruzzjonijiet illi konnaa tajnihom u zdied id-dawl fiz-zona kif ukoll is-senjaletika li semmejt*" hija minnufih indikattiva ta' sitwazzjoni li ma kenitx, fil-mument illi fih sehh l-incident, in regola ma' dak li wiehed ghandu jippretendi minn toroq karregjabbli wisq anqas mill-ghola livelli ta' kwalita` u sigurta` mehtiega mil-ligi kemm mill-Awtorita` intimata u kif ukoll mill-kuntratturi taghha.

Illi, aktar minn hekk, il-posizzjoni ta' difiza mehuda mill-Awtorita` intimata kienet pjuttost dik illi, ghalkemm *ex admissis*, it-triq in kwistjoni kienet taqa' fil-kompetenza taghha (ara f'dan is-sens xhieda moghtija minn Nicholas Baldacchino a fol. 44 tal-process), l-Awtorita` kienet giet reza fl-impossibilita` illi tipprevedi l-incident odjern proprju ghaliex, min-naha taghha, hadet minnufih l-azzjoni riparattiva fil-konfront tal-kuntrattur hekk kif hija giet a konoxxenza tal-perikolu li kien hemm fit-triq. Tali argument ikoll ma jistax iregi skont il-ligi. Ir-rwol tal-Awtorita` huwa kjarament dak li tara li l-incidenti jigu fl-ewwel lok evitati u mhux li semplicement tara li tiehu azzjoni wara li jkun sehh incident jew incidenti (bhalma gara f'dan il-kaz) sabiex jigu evitati incidenti ohrajn fil-futur. Ir-responsabilita` legali li taqa' kjarament fuq spallejn l-Awtorita` hija dik li taghmel dak possibbli biex tipprevjeni li jsehhu l-incidenti u mhux semplicement li tirrimedja *ex post facto* bl-ahjar mod li tista' ghal kwalunkwe incident jew mankanza li tingieb a konjizzjoni taghha. Huwa minnu li l-Legislazzjoni Sussidarja 499.57 tipprovdi espressament li ghandha tinghata konsiderazzjoni "*jekk l-Awtorita`* (…) *kinux jafu, jew b'mod ragjonevoli kienx mistenni li jkunu jafu, li l-kundizzjoni tal-parti tat-triq li dwarha tkun qed tittiehed l-azzjoni setghet tikkawza periklu ghall-utenti tat-triq*" (reg. 3) imma fil-kaz in ezami l-Awtorita` intimata bl-ebda mod ma rnexxielha tipprova li hija ma kenitx taf jew b'mod ragjonevoli ma kienx mistennija li tkun taf bil-kundizzjoni li fiha l-kuntrattur halla t-triq wara li waqaf mix-xoghol dakinhar li fih sehh

l-incident. Kif inghad hawn fuq, skont ix-xhieda tal-istess Awtorita` intimata baqa' qatt ma gie stabbilit jekk effettivament il-kuntrattur kienx qed isegwi dawk it-termini u l-kundizzjonijiet impost fuqu mil-ligi u kif ukoll mill-kuntratt t'appalt sottoskritt minnu u dana ghaliex Perit fuq il-post ma marritx u l-Field Officers baqghu qatt ma rrapurtaw dwar kwalunkwe *random checks* li setghu wettqu fuq is-sit. Dak li tehtieg il-ligi ghas-success ta' tali difiza huwa li l-Awtorita` tipprova li ma setghetx ragjonevolment tkun taf bil-kundizzjoni tat-triq u mhux li l-Awtorita` semplicement ma tkunx taf b'dak li jkun qed jigri ghaliex tkun naqset hija stess milli tissorvelja x-xogholijiet li jkunu qed isiru u/jew tirraporta dwarhom minn zmien ghal zmien.

Illi ghaldaqstant huwa car li l-Awtorita` ghandha tigi ritenuta responsabbli fil-konfront tal-attur ghall-hsara sofferta minnu.

Illi jifdal sabiex jigi determinat jekk l-intimat Calleja in kwantu kuntrattur jistax jigi ritenut ukoll responsabbli ghall-akkadut. F'dan ir-rigward huwa car li l-intimat ftit jista' jehles mir-responsabilita` tieghu fil-konfront tal-attur proprju ghaliex kien hu stess li naqas milli jara li jigi imwettqa il-prekawzjonijiet kollha mehtiega minnu u impost fuqu kemm mill-kuntratt t'appalt kif ukoll mil-ligi stess ghall-inkolumita` tal-utenti tat-triq. Kif intqal fis-sentenza hawn fuq citata, hu dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentement x'jikkonsilja jew ma jikkonsiljax l-Awtorita'. Hu car li l-intimat Calleja naqas ukoll minn dan l-obbligu legali tieghu.

Illi allura huwa daqstant iehor car li l-intimat Calleja ghandu huwa wkoll jigi ritenut responsabbli fil-konfront tal-attur ghall-hsara sofferta minnu.

Illi f'dan ir-rigward u wara li kkunsidra debitament kemm il-ligi kif ukoll it-termini u l-kundizzjonijiet kuntrattwali li jorbtu lill-intimati bejniethom, it-Tribunal isib li jkun allura opportun illi l-intimati jigi ritenuti responsabbli solidalment bejniethom fil-konfront tal-attur proprju in linea ma' dak mitlub mill-attur **<u>b'dan illi jibqa' impregudikat kwalunkwe dritt tal-intimati fil-konfront ta' xulxin.</u>**

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' elf u tmin mitt euro (€1800), konsegwentement jilqa' limitatament ir-raba' eccezzjoni tal-Awtorita` intimata, jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata u jikkundanna lill-intimati sabiex solidalment bejniethom ihallsu lill-attur is-somma surreferita ta' elf u tmin mitt euros (€1800) rapprezentanti danni sofferti minnu fil-vettura tieghu bhala konsegwenza tal-incident datat 22 t'April, 2015 fi Triq iz-Zejtun, Birzebbuga ghal-liema incident jahtu fil-konfront tal-attur l-intimati solidalment bejniethom bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza. L-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2352/16, jigu sopportati in kwantu ghal kwint (1/5) mill-attur u in kwantu ghal erba' kwinti (4/5) mill-intimati solidalment bejniethom.

Av. Dr. Philip M. Magri